MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2001

Avviz Numru. 115/2001/1

**Avviz Nru:- 115/01**

**P & S International Limited**

**vs**

**Jason Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm648.03), oltre l-imghax legali mill-5 ta' Jannar 2000, rapprezentanti xoghol ta' stampar minnu ordnat u kkonsenjat skond 'invoice' numri 1390, 1391, 1392, 1393, 1394 u 1395 annessi u mmarkati bhala dokumenti A sa F.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici, u lanqas ma deher fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, warra illi l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ sitt mija u tmienja u erbghin lira maltin u tlett centezmi (Lm648.03) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-5 ta’ Jannar 2000, u;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------